# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-5 t'Ottubru 2022

**Rikors Numru : 234/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**GV**

**Vs**

**RV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GV datat 10 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jiddikjara illi l-partijiet fil-kawza de quo izzewgu nhar il-wiehed u tletin ta' Mejju, elf disa' mija, hamsa u sebghin (31.05.1975) u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, E u D nee' V, it-tnejn maggorenni; (Ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku datat is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 in atti n-Nutar Dottor Pierre Falzon. (Ara kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok );*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi nin jghixu hajja independentement minn xulxin;*

4. *Illi l-esponenti jivversa is-somma ta €200 fix-xahar bhala manteniment fil-konfront tal-*

*intimata li dejjem thallset b'mod puntwali.*

5. *Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda proprjeta in komuni.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RV datata 25 ta' Mejju 2022, a fol 41 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti taqbel mal-premessa li l-partijiet ilhom separati minn xulxin legalment ghal iktar minn tmienja u ghoxrin (28) snin u dan b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Pierre Falzon datat nhar is-seba' (07) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erba' u disghin (1994);*

2. *Illi l-esponenti taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

3. *Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;*

4. *Illi l-esponenti tixtieq tikkonferma li hija ser tibqa tuza kunjom ta' zewgha cioe 'V';*

*Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GV xehed** (vide affidavit fol 45) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 1975. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat is-7 ta' Settembru 1994 fl-atti tan- Nutar Dr Pierre Falzon. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li ilhom ghal iktar minn tmienja u ghoxrin sena jghixu separatament. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 14) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Gunju 1975, liema

zwieg jgib certifikat numru 1289/1975 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon nhar is-7 ta' Settembru 1994 (vide Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1289/1975 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**